



Brussell, 1 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

15441/22

COMPET 969
TOUR 78

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 1 ta' Diċembru 2022

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 14683/22 + COR1

Suġġett: Aġenda Ewropea għat-Turiżmu 2030

- Konklużjonijiet tal-Kunsill (adottati fl-01/12/2022)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-"Aġenda Ewropea għat-Turiżmu 2030", adottati mill-Kunsill fit-3914-il laqgħa tiegħu li saret fl-1 ta' Diċembru 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-“Aġenda Ewropea għat-Turiżmu 2030”**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

1. WARA LI KKUNSIDRA l-Artikolu 195 l-Artikolu 6 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fir-rigward tal-appoġġ, il-koordinazzjoni u s-supplimentar tal-UE tal-azzjonijiet tal-Istati Membri fil-qasam tat-turiżmu, u b'konsiderazzjoni xierqa għall-isferi ta' kompetenza rispettivi tal-Istati Membri u tal-Unjoni, kif ukoll tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.
2. FILWAQT LI JFAKKAR
 - fil-konklużjonijiet tiegħu dwar "Il-kompetittività tas-settur tat-turiżmu bħala promotur tat-tkabbir sostenibbli, l-impjiegi u l-koeżjoni soċjali fl-UE għall-għaxar snin li ġejjin" tas-27 ta' Mejju 2019¹;
 - fil-konklużjonijiet tiegħu dwar "It-turiżmu fl-Ewropa għad-deċennju li jmiss: sostenibbli, reżiljenti, diġitali, globali u soċjali" tas-27 ta' Mejju 2021², fejn il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni: u lill-Istati Membri, f'parteċipazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, biex ifasslu Aġenda Ewropea għat-Turiżmu 2030/2050;
 - il-konklużjonijiet tiegħu dwar ir-"Rapport Speċjali Nru 27/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: Appoġġ mill-UE lit-turiżmu: hteġa għal orjentazzjoni strateġika ġdida u approċċ ta' finanzjament aħjar" tat-3 ta' Marzu 2022³.

¹ 9707/19.

² 8881/21.

³ 6829/22.

7. JENFASIZZA l-importanza tal-promozzjoni ta' ekosistema tat-turiżmu sostenibbli, innovattiva u reżiljenti, peress li:
- l-UE hija destinazzjoni ewlenija kemm għall-viżitaturi internazzjonali kif ukoll għar-residenti tagħha stess;
 - fl-2019, qabel il-pandemija tal-COVID-19, l-ekosistema tat-turiżmu tal-UE kienet tirrappreżenta 12.9 % tal-Valur Miżjud Gross tal-UE u 15.8 % tal-impjiegi;
 - bid-dħul ta' xi sottosetturi li matul il-pandemija naqas b'sa 80 % tal-valur nett u madwar 11-il miljun impjieg fl-UE diġà ġew affettwati fl-ekosistema tat-turiżmu fl-2020;
 - l-ekosistema tat-turiżmu hija magħmula minn diversi setturi ekonomiċi, li għandhom l-approċċi settorjali speċifiċi tagħhom stess, fejn aktar minn 99 % huma intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju.

L-impatt tal-kriżijiet reċenti fuq it-turiżmu

8. JISSOTTOLINJA li l-pandemija tal-COVID-19 kellha effett partikolarment devastanti fuq l-ekosistema tat-turiżmu u wasslet għal telf sinifikanti ta' introjtu, impjieg u persunal.
9. JENFASIZZA li l-ftuħ mill-ġdid u l-bidu mill-ġdid tal-ekosistema tat-turiżmu jipprovdu opportunità biex tiġi sfruttata l-fażi ta' rkupru tal-COVID-19 għal trasformazzjoni ekoloġika u diġitali lejn ekosistema tat-turiżmu aktar reżiljenti.
10. JIKKUNDANNA l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, u JIDDISPJAĊIH għall-effetti ekonomiċi, politiċi u umanitarji tagħha, inkluż l-impatt negattiv tagħha fuq it-turiżmu, fost setturi oħra, b'mod partikolari f'pajjiżi qrib l-Ukrajna.
11. JIRRIKONOXXI li minkejja l-insigurtà kontinwa, l-ekosistema tat-turiżmu wriet solidarjetà lejn ir-refuġjati mill-Ukrajna, pereżempju billi pprovdiet akkomodazzjoni temporanja għaċ-ċittadini rilokati, appoġġat l-integrazzjoni tagħhom u fejn possibbli, billi pprovdiet opportunitajiet ta' impjieg.

12. JINSAB IMĦASSEB li l-inflazzjoni għolja, iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u l-prodotti tal-ikel, it-tfixkil tal-ktajjen tal-provvista, u l-insigurtà relatata mal-aggressjoni militari kontra l-Ukrajna jimponu piżijiet kbar fuq il-forniment u l-affordabbiltà tas-servizzi tal-ivvjaġġar u tal-ospitalità.
13. JIRRIMARKA li l-limitazzjonijiet fuq l-ivvjaġġar għandhom effetti serji fuq l-operat u l-prezzijiet tat-trasport tal-passiġġieri fl-Istati Membri kollha, inkluż titjiriet u kruċieri, iżda mhux limitati għalihom.

Viżjoni futura

14. JENFASIZZA li l-ekosistema tat-turiżmu hija soġġetta għal kondizzjonijiet mingħajr preċedent li qed jevolvu b'mod rapidu u jaffettwaw il-mudelli kummerċjali tradizzjonali tagħha.
15. JENFASIZZA l-hteġa li jkun hemm aktar trasparenza fir-relazzjonijiet bejn l-ospitanti, il-pjattaformi online u l-korpi pubbliċi, biex tkun disponibbli data affidabbli dwar il-kirjiet ta' akkomodazzjoni għal perjodu qasir; JISSOTTOLINJA l-importanza tal-għbir u l-kondiviżjoni tad-data fis-segment tal-kiri għal żmien qasir, li jgħin biex tiġi ffaċilitata ekosistema tat-turiżmu bbilanċjata; f'dan il-kuntest, JIEĦU NOTA tal-proposta tal-Kummissjoni dwar qafas regolatorju komuni tal-UE għal kirjiet ta' akkomodazzjoni għal perjodu qasir.
16. JISSOTTOLINJA li t-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi fl-ekosistema tat-turiżmu, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, iridu jkunu bbażati fuq il-kollaborazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati fis-setturi u l-atturi pubbliċi u privati fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali tal-UE.
17. IQIS li l-pandemija tal-COVID-19 u l-kriżi tal-enerġija żiedu r-rikonossiment tal-oġġettivi ta' sostenibbiltà kemm fost iċ-ċittadini tal-UE kif ukoll globalment, u JISTIENEN lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati tat-turiżmu biex jikkapitalizzaw fuq ir-rieda murija minn ħafna Ewropej li jibdlu d-drawwiet tal-ivvjaġġar u tat-turiżmu tagħhom sabiex isiru aktar sostenibbli u responsabbli.

18. JIRRIMARKA li ħafna negozji wrew li huma kapaċi jaġġustaw u jinnovaw malajr fir-rigward tas-servizzi u l-prodotti, ir-riżorsi u s-swieq fil-mira tagħhom f'ċirkostanzi eċċezzjonali; IQIS li aktar ħiliet tax-xogħol u flessibbiltà tan-negozju jistgħu jkunu strumenti għal ekosistema tat-turiżmu aktar reżiljenti u sostenibbli.
19. JIRRIMARKA li t-turiżmu domestiku, transfruntier u fi ħdan l-UE huwa importanti biex tinbena reżiljenza għad-destinazzjonijiet, in-negozji u s-servizzi.
20. JISTIEDEN lill-Istati Membri:
- a) jiskambjaw l-għarfien u l-aħjar prattiki għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji tat-turiżmu f'diversi livelli ta' governanza, filwaqt li jqisu s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali, kulturali u soċjali tat-turiżmu u jinkludu l-perspettivi tal-viżitaturi kif ukoll tar-residenti lokali, jorganizzaw attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni dwar tali temi bħall-benefiċċji tat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali, id-domanda għal offerti sostenibbli, il-ħtiġijiet ġodda tal-ħiliet u l-esperimentazzjoni fit-turiżmu, u jipprevedu l-ħarsien tal-kultura lokali, inkluż il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli;
 - b) jgħinu biex tinbena r-reżiljenza fl-ekosistema tat-turiżmu fis-setturi kollha u atturi pubbliċi u privati differenti;
 - c) jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika tal-ekosistema tat-turiżmu fir-rigward ta':
 - i. it-trasport, eż. billi jappoġġaw d-dekarbonizzazzjoni tal-mobbiltà, permezz ta' innovazzjonijiet, teknoloġiji ġodda u rivoluzzjonarji, l-iżvilupp tal-ivjaġġar multimodali u billi jżidu l-attraenza ta' modi sostenibbli ta' trasport għall-passiġġieri, b'attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet tal-periferiji, iż-żoni inqas aċċessibbli, il-gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi; u billi jippromwovu modi ta' mobbiltà attiva, bħaċ-ċikliżmu u l-hiking, u jinkoraġġixxu soġġorni itwal;

- ii. operazzjonijiet aktar ċirkolari u sostenibbli mill-istabbilimenti tat-turistiċi fl-ekosistema kollha, inkluż attrazzjonijiet, servizzi ta' ospitalità, aġenti tal-ivvjaġġar u operatori turistiċi;
 - iii. l-użu ta' kriterji rilevanti tal-akkwist pubbliku ekoloġiku fl-akkwist ta' servizzi relatati mat-turiżmu, bħal avvenimenti, ospitalità u vjaġġar;
 - iv. il-ħolqien ta' kondizzjonijiet u inċentivi biex tittejjeb iċ-ċirkolarità tas-servizzi tat-turiżmu f'konformità mal-miri nazzjonali u tal-UE kollha għall-iskart tal-ikel u s-separazzjoni tal-iskart, inkluż tnaqqis fl-użu tal-plastik li jintuża darba biss;
 - v. l-appoġġ għat-turiżmu sostenibbli fir-rigward tal-ġestjoni tal-ilma, l-effiċjenza enerġetika, il-kapaċità tas-sanità u l-protezzjoni tal-bijodiversità;
- d) jiffaċilitaw it-tranżizzjoni diġitali fit-turiżmu u jappoġġaw l-industrija tat-turiżmu u l-ġestjoni sostenibbli tad-destinazzjonijiet, b'mod partikolari billi:
- i. it-titjib tad-disponibbiltà ta' informazzjoni komprensiva online dwar l-offerta tat-turiżmu dwar suġġetti inkluż s-sostenibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-udjenzi fil-mira;
 - ii. f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, it-tweqqi ta' sforzi mmirati lejn id-diġitalizzazzjoni tad-dokumenti tal-ivvjaġġar, f'konformità mal-kompetenzi tal-Istati Membri, u, fejn applikabbli, fattibbli u ġustifikat, permezz tal-użu ta' għodod diġitali, bħall-qafas eżistenti taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE⁶;
 - iii. l-appoġġ tal-kapaċitajiet u l-ħiliet diġitali tal-SMEs tat-turiżmu biex jipprovdu prodotti tat-turiżmu innovattivi, servizzi u komunikazzjoni effettiva mal-klijenti tagħhom;
 - iv. l-għoti tad-data meħtieġa lill-Kummissjoni rigward l-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar, inkluż għall-pjattaforma Re-open EU;

⁶ Regolament (UE) 2021/953.

- e) jappoġġaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' innovazzjonijiet fis-settur tat-turiżmu, proġetti ta' riċerka u innovazzjoni (R&I) u sforzi multidixxiplinari biex jiġu żviluppati mudelli u prattiki trasferibbli għal turiżmu sostenibbli;
- f) jaħdmu fuq it-titjib tad-disponibbiltà tal-istatistika u l-kondiviżjoni tad-data interoperabbli fil-livelli kollha rilevanti għall-ekosistema tat-turiżmu;
- g) jappoġġaw l-iżvilupp tal-kwalità tal-edukazzjoni u l-ħiliet meħtieġa mill-forza tax-xogħol tat-turiżmu, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà, u jistinkaw għall-ġustizzja, l-ugwaljanza u l-inklużjoni soċjali fl-impjiegi tat-turiżmu, filwaqt li jagħtu attenzjoni, b'mod partikolari, lill-attraenza ta' impjiegi ta' kwalità fis-settur tat-turiżmu u l-ħtiġijiet partikolari tal-ħaddiema staġonali;
- h) jippromwovu l-aċċessibbiltà tas-servizzi tat-turiżmu lill-gruppi kollha bi ħtiġijiet speċifiċi;
- i) iqisu, fil-politiki tagħhom rigward is-solidarjetà u t-turiżmu responsabbli, l-impatt tat-turiżmu fuq il-kwalità tal-ħajja tal-komunitajiet lokali;
- j) irawmu t-tranżizzjoni fl-ekosistema tat-turiżmu, permezz ta' diversi mezzi ta' appoġġ li jinkludu, fost l-oħrajn, l-użu intelliġenti tal-mezzi finanzjarji tal-UE previsti fil-programmi u l-pjanijiet eżistenti adottati fil-limiti tal-baġit fis-seħħ tal-UE, f'konformità mal-istrateġiji nazzjonali tat-turiżmu u l-Aġenda Ewropea għat-Turiżmu 2030;
- k) jimpenjaw ruħhom fl-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea għat-Turiżmu 2030 kif tinsab f'dawn il-konklużjonijiet.

21. JISTIEDEN lill-Kummissjoni:

- a) timpenja ruħha, flimkien mal-Istati Membri, id-destinazzjonijiet u partijiet ikkonċernati oħra fit-turiżmu, fl-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea għat-Turiżmu 2030, b'mod partikolari permezz ta':
 - i. il-proċess ta' koimplimentazzjoni fi ħdan il-Perkors ta' Tranżizzjoni għat-Turiżmu;

- ii. il-promozzjoni ta' kooperazzjoni transsettorjali fl-oqsma ta' politika rilevanti tal-UE (eż. it-trasport, il-politika reġjonali, l-ambjent, il-protezzjoni tal-konsumatur, il-kultura u, fejn rilevanti, is-saħħa) biex jinħoloq ambjent ta' politika koerenti u favorevoli għat-turiżmu;
 - iii. l-iżvilupp u l-promozzjoni, f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati nazzjonali u lokali rilevanti kollha, ta' mudelli ta' governanza għall-ġestjoni sostenibbli u diversifikata tad-destinazzjonijiet permezz tal-faċilitazzjoni tal-iskambji tal-għarfien u tal-aħjar prattiki; u
 - iv. l-istabbiliment ta' pjattaformi għall-istudji, l-iżvilupp tal-għarfien, il-ġbir u l-iskambju tal-aħjar prattiki, biex tiġi pprovduta informazzjoni dwar komunitajiet eżistenti, networks, proġetti li għaddejjin u r-riżultati tagħhom, avvenimenti topiċi, opportunitajiet ta' taħriġ u finanzjament, eċċ.;
- b) tipprovdi informazzjoni dwar l-ivvjaġġar faċli għall-utent u li f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali tkun aġġornata regolament, inkluż permezz tal-pjattaforma Re-open EU;
 - c) tirrieżamina d-drittijiet tal-passiġġieri u l-qafas regolatorju tal-pakketti tal-ivvjaġġar, biex tiġi żgurata r-reżiljenza tiegħu għal interruzzjonijiet estensivi fl-ivvjaġġar, u jiġu kkunsidrati wkoll ir-riskji ta' kriżi fil-likwidità;
 - d) timplimenta u, fejn applikabbli, tiżviluppa aktar id-Dashboard tat-Turiżmu tal-UE biex jiġi appoġġat il-monitoraġġ tal-aspetti ambjentali, diġitali u soċjoekonomiċi tat-turiżmu;
 - e) tappoġġa d-djalogu u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-partijiet ikkonċernati fit-turiżmu privati tal-UE fil-livelli kollha;
 - f) tappoġġa d-diġitalizzazzjoni tal-SMEs billi tiġbor u tikkondividi l-aħjar prattiki dwar l-għodod u l-prattiki diġitali għat-turiżmu;

- g) tidentifika opportunitajiet ta' finanzjament rilevanti għall-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati permezz tal-baġit eżistenti tal-UE u sorsi oħra biex jaħdmu lejn l-oġettivi rikonoxxuti f'din l-Aġenda, permezz tal-aġġornament regolari tal-“Gwida dwar il-finanzjament tal-UE għat-turiżmu” u mezzi oħra;
- h) tappoġġa attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni għaċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati fit-turiżmu dwar il-benefiċċji tat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali, id-domanda tal-konsumatur għal offerti sostenibbli, l-iżvilupp ta' ħiliet ġodda, proġetti pilota innovattivi fit-turiżmu u d-disinn u l-ittestjar tal-użu ta' metodoloġiji tal-impronta ambjentali għall-ekosistema tat-turiżmu;
- i) tappoġġa programmi ta' bini tal-kapaċità u diversi mezzi ta' assistenza għall-SMEs biex jinvolve ruħhom fi prattiki u skemi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent;
- j) tikkooopera mal-Istati Membri biex tiżgura li tiġi pprovduta data konsolidata tal-istatistika dwar it-turiżmu, li tinkludi elementi u indikaturi relatati mas-sostenibbiltà ekonomika, soċjali, kulturali u ambjentali, f'kooperazzjoni mal-atturi tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika;
- k) tappoġġa lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati fit-turiżmu fl-implimentazzjoni ta' prattiki ta' kondivizzjoni tad-data interoperabbli;
- l) tappoġġa lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti fit-turiżmu bl-għarfien espert u l-esperjenza tagħha u ssegwi l-azzjonijiet li jappoġġaw l-Aġenda Ewropea għat-Turiżmu 2030 fil-qafas tal-Perkors ta' Tranżizzjoni għat-Turiżmu permezz ta' rispons miksub kull sena mill-esperti tal-Istati Membri fil-Kumitat Konsultattiv dwar it-Turiżmu (TAC);
- m) issegwi l-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea għat-Turiżmu 2030 u tirrapporta lill-Kunsill mill-inqas kull tliet snin.

22. JISTIEDEN lill-partijiet ikkonċernati fit-turiżmu:

- a) jinvolvu ruħhom fl-implimentazzjoni ta' din l-Aġenda Ewropea għat-Turiżmu 2030, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u l-Istati Membri, filwaqt li jqajmu kuxjenza mas-sħab u l-klijenti tagħhom u jikkontribwixxu bl-għarfien espert u l-esperjenza tagħhom għall-koimplimentazzjoni tat-tranżizzjoni tat-turiżmu filwaqt li jxerrdu l-għarfien u l-eżiti miksuba;
- b) fejn rilevanti, jimpenjaw ruħhom b'wegħdiet konkreti, fuq bażi volontarja, għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-Perkors ta' Tranżizzjoni tat-Turiżmu bħala l-appoġġ tagħhom għall-Pjan ta' Ħidma Pluriennali tal-UE għall-Aġenda Ewropea għat-Turiżmu 2030 kif ippreżentat fl-Anness.

Anness: Pjan ta' Ħidma Pluriennali tal-UE għall-Aġenda Ewropea għat-Turiżmu 2030

Dan il-Pjan ta' Ħidma Pluriennali tal-UE għall-Aġenda Ewropea għat-Turiżmu 2030 jiddeskrivi azzjonijiet volontarji konkreti li l-Istati Membri, l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti, il-Kummissjoni, u partijiet ikkonċernati oħra fl-ekosistema tat-turiżmu għandhom jieħdu u jinkoraġġixxu, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u fl-ambitu tal-kompetenzi tagħhom. L-azzjonijiet u l-outputs proposti jipprovdu gwida strateġika biex jiġi segwit il-progress tal-Aġenda f'ħames oqsma ta' prijarità. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, id-data ppjanata għall-outputs issegwi l-kamp ta' applikazzjoni u l-iskeda ta' żmien tal-Aġenda Ewropea għat-Turiżmu 2030.

Qasam ta' prijarità: Qafas ta' politika abilitanti u governanza

Suġġett ewlieni	Miri u objettivi	Azzjonijiet u responsabbiltajiet	Output / data ppjanata
Miżuri ġusti għal kirjiet għal perjodu qasir (STR)	Suq tal-kiri trasparenti tal-UE għal perjodu qasir, il-promozzjoni tal-kompetizzjoni u l-protezzjoni tal-konsumatur, il-ħolqien ta' opportunitajiet u l-kontribut għal turiżmu sostenibbli.	L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom issaħħu l-qafas tal-UE għal kirjiet għal perjodu qasir biex tittejjeb t-trasparenza, isir aktar ġust u jittejjeb l-aċċess għas-suq. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw lill-awtoritajiet reġjonali u lokali.	Qafas komuni fil-livell tal-UE għal perjodu qasir.
Statistika u indikaturi għat-turiżmu	It-titjib tad-disponibbiltà u l-kopertura tal-istatistika tat-turiżmu biex jitqiesu l-impatti ekonomiċi, soċjali, kulturali u ambjentali tat-turiżmu. It-titjib tal-aċċess għad-data privata u fil-livell tad-destinazzjoni għall-produzzjoni ta' statistika uffiċjali dwar it-turiżmu, filwaqt li jiġu rrispettati r-regoli tal-protezzjoni tad-data u l-interessi kummerċjali leġittimi.	L-atturi tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika għandhom jirrevedu r-regoli armonizzati tal-ġbir tad-data dwar l-istatistika tat-turiżmu. L-industrija tat-turiżmu, l-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-organizzazzjonijiet ta' ġestjoni tad-destinazzjoni (DMOs) għandhom iqisu l-iżvilupp ta' mekkaniżmi għall-ġbir u l-kondiviżjoni tad-data li jistgħu jkunu ta' benefiċċju wkoll għall-aggregazzjoni tal-istatistika uffiċjali tat-turiżmu. Il-Kummissjoni għandha timplimenta d-Dashboard tat-Turiżmu tal-UE biex jiġi appoġġat is-segwitu tal-aspetti ambjentali, diġitali u soċjoekonomiċi tat-turiżmu.	Qafas rivedut tal-UE għall-istatistika tat-turiżmu li jinkludi indikaturi dwar l-impatti ekonomiċi, ambjentali u soċjali tat-turiżmu sal-2030. Id-dashboards tat-Turiżmu tal-UE li joffri pubblikament indikaturi dwar it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u r-reżiljenza soċjoekonomika fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali.

Żvilupp jew aġġornament ta' strateġiji komprensivi għat-turiżmu	Approċċ strateġiku għat-turiżmu fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali biex tiġi kkunsidrata s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali, kulturali u soċjali tat-turiżmu.	Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw l-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-aħjar prattiki.	Skambju tal-aħjar prattika. L-Istati Membri jew ir-reġjuni turistiċi ewlenin tagħhom għandu jkollhom eżempji ta' strateġiji komprensivi għat-turiżmu sal-2025.
Ġestjoni kollaborattiva u bbażata fuq id-data tad-destinazzjoni	L-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-ġestjoni tad-destinazzjoni tat-turiżmu għal teħid ta' deċiżjonijiet kollaborattiv u bbażat fuq id-data li jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż ir-residenti lokali.	Il-Kummissjoni għandha tipprovdi premijijiet għal ġestjoni intelliġenti u sostenibbli tad-destinazzjoni. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jappoġġaw id-destinazzjonijiet fl-iżvilupp tal-mudelli ta' governanza lokali tagħhom.	Premijijiet għad-destinazzjoni. Studju mill-Kummissjoni dwar il-mudelli ta' governanza tad-DMO fl-UE; komunità ta' prattika u sett ta' għodod għall-ġestjoni tad-destinazzjoni sal-2023.

Qasam ta' prijorità: Tranżizzjoni ekoloġika

Suġġett ewlieni	Miri u objettivi	Azzjonijiet u responsabbiltajiet	Output / data ppjanata
It-titjib taċ-ċirkolarità tas-servizzi tat-turiżmu	It-tnaqqis tal-impronta ambjentali tas-servizzi tat-turiżmu (ikel/skart ġenerali, effiċjenza fl-użu tal-ilma/enerġetika u tniġġis).	Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ lis-servizzi tat-turiżmu biex inaqqsu l-impronta ambjentali tagħhom f'konformità mal-oġġettivi tal-UE u jappoġġaw it-titjib tal-ġestjoni tal-iskart u tal-ilma u l-kapaċità tas-sanità.	L-organizzazzjonijiet tat-turiżmu/tal-ospitalità għandhom inaqqsu l-iskart f'konformità mad-Direttiva dwar l-Iskart 2008/98/KE.
Appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika tal-kumpaniji tat-turiżmu u l-SMEs	L-inkoraġġiment tal-kumpaniji tat-turiżmu biex jadottaw prattiki aktar ekoloġiċi billi tiżdied id-domanda għal servizzi ekoloġiċi minn atturi pubbliċi u l-promozzjoni ta' skemi li jappoġġaw il-valutazzjoni, it-traċċar u t-tnaqqis tal-impronta ambjentali. L-għoti ta' appoġġ lill-SMEs biex jinvolvu ruħhom fi prattiki li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent biex jiġi żgurat li dan ma jsirx ostaklu għall-kummerċ.	Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jużaw il-kriterji rilevanti tal-akkwist pubbliku ekoloġiku (APE) fejn applikabbli meta jakkwistaw servizzi relatati mat-turiżmu (avvenimenti, ospitalità, vjaġġar). Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u livelli rilevanti oħra ta' awtoritajiet pubbliċi għandhom jipprovdu appoġġ lill-SMEs biex jinvolvu ruħhom fi prattiki u skemi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, bħall-EMAS, l-Ekotikketta tal-UE, ekotikketti oħra tat-tip I tal-EN ISO 14024 jew tikketti volontarji ekwivalenti vverifikati minn parti terza.	Użu akbar tal-kriterji rilevanti għall-APE fix-xiri ta' servizzi tal-ekosistema tat-turiżmu; żieda fl-għadd ta' organizzazzjonijiet tat-turiżmu rreġistrati fl-EMAS; żieda fl-għadd ta' servizzi tat-turiżmu jew akkomodazzjoni bl-Ekotikketta tal-UE ppremjati b'ekotikketti oħra tat-tip I tal-EN ISO 14024 jew tikketti volontarji ekwivalenti.
Proġetti ta' riċerka u innovazzjoni u proġetti pilota dwar it-turiżmu ċirkolari u sostenibbli	L-appoġġ għall-kooperazzjoni pubblika-privata dwar proġetti ta' riċerka u innovazzjoni u proġetti pilota li jiżviluppaw mudelli u prattiki trasferibbli għal turiżmu sostenibbli.	Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jappoġġaw l-iżvilupp ta' mudelli u prattiki trasferibbli għal turiżmu sostenibbli; Id-DMOs u l-livelli rilevanti tal-awtoritajiet pubbliċi għandhom jappoġġaw l-istabbiliment ta' proġetti pilota fuq skala kbira dwar it-turiżmu sostenibbli madwar l-UE, inkluż fuq il-gżejjer u fir-reġjuni ultraperiferiċi.	Mudelli tat-turiżmu ċirkolari u sostenibbli vvalidati u trasferibbli; l-aħjar prattiki rigward proġetti pilota dwar destinazzjoni b'mudelli ċirkolari olistiċi.

Qasam ta' priorità: Tranżizzjoni diġitali

Suġġett ewlieni	Miri u objettivi	Azzjonijiet u responsabbiltajiet	Output / data ppjanata
Id-diġitalizzazzjoni tal-SMEs tat-turiżmu	L-użu effettiv ta' għodod diġitali mill-SMEs tat-turiżmu u l-mikrointrapriżi għall-ġestjoni tar-riżorsi, il-proċessi ta' ħidma interna, il-forniment tas-servizzi, il-kummerċjalizzazzjoni, il-komunikazzjoni mal-klijenti u l-ktajjen tal-provvista u l-iżvilupp ta' servizzi ġodda.	Il-Kummissjoni, l-Istati Membri, l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti oħra u d-DMOs għandhom iqajmu kuxjenza fost l-SMEs tat-turiżmu dwar il-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni u biex jappoġġaw lill-SMEs tat-turiżmu u lin-negozji ġodda permezz ta' programmi ta' diġitalizzazzjoni; il-Kummissjoni għandha tiġbor u tikkondividi l-aħjar prattiki dwar l-għodod u l-prattiki diġitali għat-turiżmu.	L-SMEs tat-turiżmu għandhom ikunu laħqu livell bażiku ta' intensità diġitali sal-2030 f'konformità mal-oġġettivi tal-Kumpass Diġitali; għbir konsultabbli dwar għodod u prattiki diġitali trasferibbli għat-turiżmu ppubblikat mill-Kummissjoni sal-2023; Servizzi ta' konsulenza tan-Network Enterprise Europe għandhom jappoġġaw lill-SMEs tat-turiżmu.
Kondiviżjoni ta' data pubblika għall-inkoraġġiment ta' servizzi turistiċi innovattivi	L-inkoraġġiment u l-parteciġazzjoni fil-kondiviżjoni tad-data rilevanti għat-turiżmu biex jiġu appoġġati servizzi innovattivi.	L-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u d-DMOs għandhom jippubblikaw settijiet ta' data miftuħa rilevanti għas-servizzi tat-turiżmu - data dwar it-trasport pubbliku, kollezzjonijiet tal-mużewijiet u viżitaturi, eċċ.	Eżempji ta' settijiet ta' data pubbliċi miftuħa f'reġjuni turistiċi sinifikanti sal-2025, li jistgħu jintużaw fl-iżvilupp ta' servizzi relatati mat-turiżmu.
Proġetti ta' riċerka u innovazzjoni u proġetti pilota dwar għodod u servizzi diġitali fit-turiżmu	L-appoġġ għall-kooperazzjoni pubblika-privata dwar proġetti ta' riċerka u innovazzjoni u proġetti pilota li jiżviluppaw l-użu innovattiv u sostenibbli ta' għodod u prattiki diġitali fit-turiżmu.	Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u awtoritajiet pubbliċi rilevanti oħra għandhom jappoġġaw l-iżvilupp tal-ġestjoni sostenibbli tad-destinazzjoni mmexxija mid-data. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jappoġġaw servizzi turistiċi innovattivi li jużaw teknoloġiji avvanzati (realta' virtwali/awmentata, IA) u wirt kulturali diġitali u diġitalizzat.	L-aħjar prattiki għall-monitoraġġ tal-intensità tat-turiżmu u l-benesseri tar-residenti lokali sal-2025; eżempji ta' servizzi u sħubijiet innovattivi biex jiġu pprovduti esperjenzi tat-turiżmu permezz ta' realta' virtwali, estiża u awmentata, big data u IA sal-2025.

Qasam ta' priorità: Reżiljenza u inklużjoni

Suġġett ewlieni	Miri u objettivi	Azzjonijiet u responsabbiltajiet	Output / data ppjanata
Aċċessibbiltà tas-servizzi tat-turiżmu	It-tiżni tal-inklużjoni soċjali u ekonomika, filwaqt li jitqiesu l-anzjani, il-persuni b'diżabbiltà u gruppi oħra bi ħtiġijiet speċifiċi.	Il-Kummissjoni, l-Istati Membri, l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti oħra u d-DMOs għandhom iqajmu kuxjenza dwar l-importanza tal-aċċessibbiltà fit-turiżmu bil-ħsieb li tittejjeb l-aċċessibbiltà u jinħolqu kondizzjonijiet favorevoli għas-servizzi tat-turiżmu aċċessibbli.	Żieda fl-offerta ta' servizzi turistiċi aċċessibbli.
Servizzi u destinazzjonijiet tat-turiżmu tal-UE reżiljenti	It-titjib tar-reżiljenza tas-servizzi u d-destinazzjonijiet tat-turiżmu tal-UE għas-servizz ta' udjenzi differenti fl-istaġuni kollha u f'diversi postijiet.	Il-Kummissjoni u l-Istati Membri u awtoritajiet pubbliċi rilevanti oħra għandhom jipprovdu diversi forum ta' appoġġ biex jgħinu lid-destinazzjonijiet, lill-kumpaniji u lin-negozji ġodda jiddiversifikaw is-servizzi tat-turiżmu, b'mod partikolari matul l-istaġuni u f'diversi postijiet.	Servizzi u destinazzjonijiet aktar reżiljenti, li jistgħu jirreżistu aħjar ix-xokkijiet.
Innovazzjoni sostenibbli fis-servizzi tat-turiżmu	Il-promozzjoni tal-UE bħala destinazzjoni li tissodisfa il-bidliet fid-domandi tat-turiżmu filwaqt li jinżamm il-benesseri tar-residenti u tal-ambjent tagħhom.	Il-Kummissjoni u l-Istati Membri u awtoritajiet pubbliċi rilevanti oħra għandhom jipprovdu diversi forum ta' appoġġ biex jgħinu lill-kumpaniji, lin-negozji ġodda u lill-komunitajiet lokali jinnovaw b'servizzi tat-turiżmu sostenibbli u reżiljenti, b'impatt nett pożittiv għar-residenti u għall-modi ta' ħajja lokali.	Servizzi innovattivi tat-turiżmu għall-issodisfar ta' tipi ġodda ta' domanda fit-turiżmu filwaqt li jiġu rrispettati l-ħtiġijiet ta' sostenibbiltà fit-tul tar-residenti u tal-ambjent.

Qasam ta' priorità: Ħiliet u appoġġ għat-tranżizzjoni

Suġġett ewlieni	Miri u objettivi	Azzjonijiet u responsabbiltajiet	Output / data ppjanata
Sensibilizzazzjoni dwar il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet għat-tranżizzjoni doppja fit-turiżmu	Is-sensibilizzazzjoni dwar il-bidliet fid-domanda tat-turiżmu, l-opportunitajiet offruti lill-atturi tat-turiżmu mit-tranżizzjoni doppja, kif ukoll il-ħiliet u l-approċċi li jgħinu biex tiżdied ir-reżiljenza.	Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u awtoritajiet pubbliċi rilevanti oħra u DMOs għandhom jorganizzaw attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni għall-partijiet ikkonċernati fit-turiżmu u jappoġġaw in-networking u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki minn bliet rebbieħa fl-UE dwar it-turiżmu intelliġenti, il-kultura u l-wirt, is-sostenibbiltà, l-innovazzjoni u l-aċċessibbiltà.	Disseminazzjoni tal-perkors tat-tranżizzjoni tat-turiżmu fl-2022; sensibilizzazzjoni dwar it-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika kif ukoll ir-reżiljenza, l-iskambju tal-aħjar prattika u l-promozzjoni tal-avvenimenti.
Patt għall-ħiliet fit-turiżmu	Biex tiġi ssodisfata d-domanda għall-ħiliet fl-ekosistema tat-turiżmu permezz tal-implimentazzjoni u l-espansjoni tal-parteċipazzjoni fil-Patt għall-ħiliet fit-turiżmu sabiex ikun attivament inkoraġġut l-iżvilupp tal-ħiliet u jipprovdi opportunitajiet ta' taħriġ għall-forza tax-xogħol, għall-persuni qiegħda u għall-SMEs.	Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti oħra għandhom jiffaċilitaw u jappoġġaw l-istabbiliment ta' sħubijiet ta' ħiliet nazzjonali, reġjonali u lokali fejn fattibbli u f'konformità mal-qafas eżistenti; il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-involvement tal-kumpaniji tat-turiżmu, il-fornituri tal-edukazzjoni, it-trade unions u organizzazzjonijiet oħra biex jimpenjaw ruħhom għal miri ta' taħriġ maqbula b'mod konġunt għall-forzi tax-xogħol tagħhom, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà; L-Istati Membri għandhom jappoġġaw sħubijiet tal-ħiliet biex jistabbilixxu korsijiet ta' taħriġ rapidi, skemi ta' apprendistat u mudelli mħallta għall-persuni qiegħda u għal dawk li qed ifittxu impjieg.	Sħubijiet ta' ħiliet reġjonali u lokali li għandhom jiġu stabbiliti f'reġjuni turistiċi sinifikanti sal-2024. Sal-2030, parti sinifikanti tal-forza tax-xogħol tat-turiżmu tkun ipparteċipat f'taħriġ f'konformità mal-miri tal-Patt għall-ħiliet fit-turiżmu.
Pjattaforma integrata ta' appoġġ għall-partijiet ikkonċernati fit-turiżmu	Għajnuna lill-partijiet ikkonċernati fit-turiżmu biex isibu informazzjoni, finanzjament, appoġġ u konnessjonijiet rilevanti u f'waqthom mal-pari u mal-esperti.	Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi pjattaforma ta' appoġġ għall-partijiet ikkonċernati biex tiffaċilita l-kondiviżjoni tal-informazzjoni, l-aċċess għar-riżorsi u l-kollaborazzjoni fis-setturi tat-turiżmu u bejn l-atturi. L-Istati Membri, u awtoritajiet pubbliċi rilevanti oħra u DMOs għandhom jinfurmaw lill-partijiet ikkonċernati tagħhom u jaqsmu informazzjoni rilevanti dwar ir-riżultati, l-avvenimenti u r-riżorsi tagħhom għall-udjenzi Ewropej permezz tal-pjattaforma u mezzi oħra ta' informazzjoni.	Sal-2023 għandha titnieda pjattaforma ta' appoġġ għall-partijiet ikkonċernati b'kondiviżjoni regolari ta' informazzjoni, kontenut żviluppat b'mod kollaborattiv u attivitajiet komunitarji.